# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS) LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 26**

**Citaz. Nru. 250/97MM(G)**

**John Cauchi**

**vs**

**Chairman Awtorita' ta' l-Ippjanar**

## I. Preliminari

1. Dan huwa appell li qieghed isir mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar minn decizjoni in parte moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fil-11 ta' Jannar 2000 li biha giet michuda eccezzjoni dwar nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' l-istess Qorti. Ghall-ahjar svolgiment tal-odjerna sentenza, id-decizjoni appellata sejra tigi riprodotta kollha kemm hi, billi din, apparti l-motivazzjoni tac-cahda tal-eccezzjoni imsemmija, tikkontjeni it-taghrif necessarju dwar it-talbiet tal-attur u l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

2. Is-sentenza appellata tghid hekk:-

**“Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fil-15 ta' Dicembru 1997 fejn wara li ppremetta illi:

Permezz ta' *stop and enforcement notice* tal-5 ta' Lulju 1995 il-konvenut ried iwaqqaf lill-attur milli jirrinforza permezz ta' gebel tal-kantun recint, ossija *boundary wall* billi sabiex jaghmel dan jinhtieg permess ghall-izvilupp minghand il-Planning Authority;

Illi l-attur deherlu u jidhirlu li sabiex tirrinforza bil-gebel tal-kantun recint li gia jezisti u li huwa ffurmat minn gebel qadim u gebel tas-sejjieh ma ghandux jindahal il-poter regolatur ta' l-Awtorità li tkun f'dan il-kaz l-Awtorità ta' l-Ippjanar;

Illi wara diversi proceduri li ttiehdu l-konvenut hedded li sejjer jiehu azzjoni esekuttiva kontra l-attur billi jidhol huwa stess permezz tas-subalterni tieghu u jnehhi l-gebel u l-recint, tant li l-istess attur htieglu jistitwixxi kontra l-konvenut zewg mandati ta' inibizzjoni;

Illi l-imsemmi recint qed iservi ta' lqugh ghall-kwantità ta' baqar li l-attur izomm fir-razzett, ossija *cow shed* anness u li jekk isehh dak li qed ihedded li sejjer jaghmel il-konvenut, il-baqar ta' l-attur jispiccaw jiggerrew fit-toroq;

Illi fuq parir ta' nies teknici in materja, l-attur issottometta applikazzjoni lill-Awtorità konvenuta sabiex takkordalu permess ghal dik l-operazzjoni u b'hekk jigi *in regola* izda din l-applikazzjoni giet michuda mill-Awtorità konvenuta.

Talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara irragonevoli, *ultra vires*, sproporzjonat u illegali l-agir ta' l-Awtorità konvenuta fil-konfront ta' l-attur, meta qeghda tinsisti li tirrimuovi recint li gia kien jezisti u l-kantuni li l-attur ghamel biex jirrinforzah;

2. Tiddikjara li x-xoghlijiet maghmula mill-attur ma jirrikjedux permess jew awtorizazzjoni mill-Awtorità konvenuta;

3. Tinibixxi permanentement lill-Awtorità konvenuta milli tiehu xi azzjoni esekuttiva fil-konfront ta' l-attur.

Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg mandati ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi li pprecedew din ic-citazzjoni, kollha kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi preliminarjament hemm nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi preliminarjament ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kwistjoni hi *res judicata* u t-talbiet kollha gew decizi finalment mill-Qorti ta' l-Appell;

Illi fil-mertu, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-mertu illum ezawrit stante li l-Awtorità ta' l-Ippjanar hadet u lestiet l-azzjoni ezekuttiva fil-konfront ta' l-attur;

Illi fil-mertu wkoll, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma kien hemm l-ebda theddid ta' azzjoni ezekuttiva, izda kien hemm ordni tal-Bord ta' l-Appell u tal-Qorti ta' l-Appell dwar l-Ippjanar biex isir l-azzjoni ezekuttiva u ghar-rigward ix-xoghlijiet li kienu saru, l-istess kienu saru illegalment u l-azzjonijiet ta' l-Awtorità kienu kollha ragonevoli u *ultra vires* u l-uniku agir illegali u irragonevoli kien ta' l-istess attur, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 t'Ottubru 1999 fejn il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni imqajma mill-Awtorità ta' l-Ippjanar;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi b'din l-eccezzjoni preliminari l-konvenut Chairman, Awtorità ta' l-Ippjanar qed iqajjem kwistjoni dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti presumibilment li tissindika decizjonijiet moghtija mill-istess Awtorità ta' l-Ippjanar.

Fil-qosor l-attur fl-istanza odjerna qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara irragjonevoli u *ultra vires* decizjoni moghtija mill-Awtorità ta' l-Ippjanar li affettwat direttament id-drittijiet ta' l-attur. Dwar din il-kwistjoni ta' gurisdizzjoni jidher illi hemm konflitt fil-Qrati taghna dwar safejn id-decizjonijiet tal-Bord ta' l-Ippjanar huma sindikabbli quddiem il-Qrati ordinarji. Per ezempju

b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Gunju 1998 fl-ismijiet "Joseph Difesa versus Planning Authority" il-Qorti ta' l-Appell kienet qalet illi l-gurisdizzjoni taghha biex tissindika decizjonijiet ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar (dak iz-zmien PAPB) kien limitat ghal kwistjonijiet ta' ligi biss decizi mill-istess bord, kull kunsiderazzjoni ohra kienet barra l-gurisdizzjoni tal-Qorti.

Il-Qorti Kostituzzjonali però jidher illi kellha veduti ohra. Fil-fatt f'deciza moghtija minn din il-Qorti fit-12 ta' Mejju 1997 f'kawza fl-ismijiet "Michelangelo Theuma versus Chairman, Awtorità ta' l-Ippjanar" il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi kellha l-poter illi tissindika l-operazzjonijiet ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar u iktar specifikament illi tara li l-hrug tal-permessi ghall-bini jkunu hargu b'mod gust. Dik il-Qorti kellha deskrizzjoni wiesgha u illimitata biex tipprovdi rimedju xieraq ghall-ksur tad-drittijiet umani u f'dan ir-rigward setghet tipprojbixxi lill-Awtorità ta' l-Ippjanar milli tohrog xi permessi.

Min-naha l-ohra imbaghad ricentament ghandna s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Mejju 1998 f'kawza fl-ismijiet "Bunker Fuel Oil Company Limited versus Paul Gauci u Planning Authority" fejn il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat illi l-Qorti Civili ta' Malta ghandha l-gurisdizzjoni biex tistharreg il-validità ta' xi ghemil amministrattiv u din hija certament estiza ghal decizjonijiet ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar fl-ghoti tal-permessi.

Fil-fehma tal-Qorti ta' l-Appell l-artikolu 469(A) tal-Kap.12, biex jigi interpretat gustament, m'ghandux jinghata interpretazzjoni restrittiva. L-eskluzzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qorti biex tistharreg l-ghemil amministrattiv tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li fil-prattika persuna kellha rimedju effikaci u adegwat verament disponibbli ghaliha u hija irragonevolment ma tutilizzax tali proceduri disponibbli. Fil-kawza fuq imsemmija l-Qorti ta' l-Appell kienet cahdet eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni imqajma mill-Awtorità ta' l-Ippjanar u ordnat li l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti sabiex il-kawza tkompli tinstemgha skond il-ligi.

Fid-dawl ta' dan it-taghlim, kwindi, ma hemmx dubbju illi din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni illi tissindika l-agir ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar u tqis illi tali agir ma jkunx *ultra vires* jew irragjonevoli almenu zgur ghal dak li jirrigwarda l-ewwel talba ta' l-attur din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni rikjesta. Il-punti mqajmin fit-tieni u fit-tielet talbiet huma kwistjoni ohra u jkun opportun li l-Qorti thalli impregudikati sakemm tisma' ix-xhieda u tara l-meritu ta' dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel talba ta' l-attur, il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni rikjesta biex tiehu konjizzjoni taghha, u ghalhekk fil-konfront ta' din it-talba l-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari imqajma mill-konvenut.

Spejjez riservati."

## II **L-appell**

3. L-Awtorita' ta' l-Ippjanar ("l-appellanti") talbet u ottjeniet minghand l-Ewwel Onorabbli Qorti l-awtorizazzjoni necessarja sabiex tinterponi appell minn din is-sentenza preliminari quddiem dina l-Qorti. Fl-appell taghha, l-appellanti argumentat li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat kemm tal-ligi u kemm ukoll tal-fatti u talbet ir-revoka tal-istess sentenza preliminari, b'mod li jigi dikjarat li l-istess l-Ewwel Qorti ma ghandhiex il-gurisdizzjoni biex tibqa' tisma' u tiddeciedi l-mertu tal-kawza odjerna.

4. Fil-process ma jidhirx li hemm ebda risposta bil-miktub da parti ta' John Cauchi ("l-appellat") ghal kontenut tar-rikors tal-appell. Pero', id-difensur tieghu deher quddiem din il-Qorti w ikkontesta t-talba tal-appellanti waqt it-trattazzjoni orali li saret fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru, 2001.

## III **Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

5. Mill-atti processwali jirrizulta li l-appellat ghamel xi xoghlijiet fir-razzett tieghu fix-Xewkija, li skond ic-citazzjoni, kienu jikkonsistu fir-

rinforzar permezz ta' gebel tal-kantun ta' recint jew "boundary wall" li gia kien jezisti u li kien ifformat minn gebel qadim u gebel tas-sejjiegh. L-Awtorita' ta' l-Ippjanar dehrilha li x-xoghlijiet in kwistjoni kienu jikkwalifikaw bhala zvilupp u li kien jenhtigilhom li jkunu koperti b'permess ta' l-izvilupp. Billi tali permess kien nieqes, fil-5 ta' Gunju 1995, l-Awtorita' harget Avviz biex tieqaf u ta' twettiq, indirizzat lill-appellat, fuq l-allegazzjoni li kien hemm ksur tal-kontroll ta' l-ippjanar konsistenti filli "qieghed tibni boundary wall minghajr permess". L-appellat gie mwissi biex jieqaf u gie ordnat li jiehu l-passi necessarji biex iregga' lura kull haga li ghamel minghajr permess, fi zmien 16-il gurnata (ara Dok JC esebit mill-appellat fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru 1999 a fol 56 tal-process).

6. Billi l-appellat baqa' jsostni li ma kien jenhtieg ebda permess ghax-xoghlijiet in kwistjoni li saru jew kienu qeghdin isiru minnu, huwa kkontesta l-avviz tal-5 ta' Gunju 1995 quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Dak il-Bord pero', ma laqghax l-appell, billi iddecieda li l-appellat ma kienx ezentat mill-htiega li jkollu permess ghall-izvilupp li ghamel. Ghalhekk, il-Bord ikkonferma l-avviz biex tieqaf u ta' twettiq (Ara Dok TD4 a fol 36 et seq) u pprefigga lill-appellat 16 (sittax) il-gurnata zmien biex l-imsemmi avviz jigi fis-sehh.

7. L-appellat ma qabilx ma' din id-decizjoni tal-Bord u argumenta, fl-appell tieghu quddiem din il-Qorti, li ghax-xoghol li ghamel ma kien

jenhtieg ebda permess. Din il-Qorti, pero' ma qablitx mieghu u infatti, bis-setenza taghha tat-30 ta' Gunju 1997 (ara fol. 26 et seq) cahdet l-appell u kkonfermat id-decizjoni tal-Bord u ordnat li l-avviz ta' twettiq ghandu jigi fis-sehh fi zmien sittax (16) il-gurnata.

8. Jidher ukoll li l-appellat eventwalment kien applika lill-Awtorita' biex takkordalu permess ghax-xoghlijiet in kwistjoni u b'hekk jigi "in regola" izda din l-applikazzjoni giet michuda permezz ta' decizjoni tad-19 ta' Awissu 1997 (ara r-raba paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-fatti tal-attur a fol 3).

9. L-appellat, qabel ma ntavola l-kawza odjerna, talab il-hrug ta' zewg mandati ta' inibizzjoni kawtelatorji (numru 547/97 u 468/98) biex iwaqqaf l-esekuzzjoni ta' l-avviz ta' twettiq in kwistjoni. Dawn it-talbiet pero', gew michuda mill-Ewwel Onorabbli Qorti b'zewg decizjonijiet moghtija fis-26 ta' Novembru 1997 (ara fol 30 u 33).

10. Skond it-tielet paragrafu tad-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-appellanti (ara fol 22), l-imsemmi avviz gie esegwit fis-16 ta' Jannar 1997 meta l-Awtorita' nehhiet hija stess ix-xoghlijiet li kienu saru bla permess.

11. Fil-15 ta' Dicembru 1997 l-appellat intavola l-odjerna kawza li biha huwa talab li l-Qorti:-

> "1. tiddikjara irragonevoli, ultra vires, sproporzjonat u illegali l-agir ta' l-Awtorita' konvenuta fil-konfront ta' l-attur, meta qeghda tinsisti li tirrimwovi recint li gia kien jezisti u l-kantuni li l-attur ghamel biex jirrinforzah;

2. tiddikjara li x-xoghlijiet maghmula mill-attur ma jirrikjedux permess jew awtorizazzjoni mill-Awtorita' konvenut; u

3. tinibixxi permanentement lill-Awtorita' konvenuta milli tiehu xi azzjoni esekuttiva fil-konfront ta' l-attur."

12. Jidher car li l-azzjoni odjerna tikkoncerna tentattiv biex il-Qrati Ordinarji jistharrgu gudizzjarjament l-azzjonijiet amministrattivi li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar hadet fil-konfront tal-appellat. Bhala tali, l-azzjoni odjerna taqa' fil-parametri tal-artikolu 469 A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). L-ewwel subartikolu ta' dana l-artikolu jipprovdi hekk:

"Artikolu 469A. L-art. 469A (1) jipprovdi li "Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita' ta' xi ghemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss –

(a) meta l-ghemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;
(b) meta l-ghemil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawk li gejjin;

(i) meta dak l-ghemil jitwettaq minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew
(ii) meta l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-ghemil amministrattiv jew fid-deliberazzjoni ta' qabel dwar dak l-ghemil; jew
(iii) meta l-ghemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita' pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;
iv) meta l-ghemil aministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi."

13. M'hemmx dubbju li l-ewwel talba ta' l-appellat fic-citazzjoni giet imfassla bl-iskop li jigi applikat dan is-subartikolu, li jaghti lill-Qrati Ordinarji il-gurisdizzjoni li jannullaw u jhassru eghmil amministrattiv jekk ikunu jirrikorru c-cirkostanzi specifiki imsemmija fl-istess subartikolu.

14. Madanakollu, ghandu mill-ewwel jigi rilevat li din il-gurisdizzjoni tal-Qrati Ordinarji tinsab cirkoskritta u limitata bil-provvedimenti tar-raba' (4) subartikolu ta' l-istess artikolu, li jghid li d-disposizzjonijiet ta' l-art. 469A "… ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra."

15. L-eccezzjoni preliminari tal-appellanti dwar in-nuqqas ta' gurisdizjoni li tisma' u tiddeciedi l-mertu tal-kawza odjerna hija evidentement bazata fuq dan r-raba' subartikolu li bih, il-gurisdizzjoni tal-Qrati Ordinarji li jimbarkaw fuq "judicial review" ta' ghemil amministrattiv ta' kwalunkwe awtorita' amministrattiva, fosthom ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar tinsab effettivament limitata ghal kazijiet fejn ma jkunx provdut b'xi ligi partikolari mod iehor ta' kontestazzjoni jew mod iehor li bis-sahha tieghu jkun possibbli il-ksib ta' rimedju effettiv quddiem xi tribunal specjali jew Qorti li l-istess ligi tkun hasbet ghalih.

16. Issa, fil-kaz odjern huwa fatt notorju li hemm ligi specjali li tirregola l-kaz, ezattament l-Att Numru I ta' l-1992, li inter alia, ikkrejat

makkinarju u proceduri ad hoc biex wiehed ikun jista' appozitament jikkontesta xi decizjoni u/jew xi ghemil amministrattiv ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar li bihom kien ihossu aggravat. Issir riferenza hawn, partikolarment ghat-Tribunal indipendenti, cioe' l-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar, imwaqqaf bis-sahha ta' l-artikolu 14 ta' l-imsemmi Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp. Dan il-Bord inghata inter alia l-gurisdizzjoni specifika li jisma' u jiddeciedi appelli maghmula minn min ikun ihossu aggravat b'decizjoni ta' l-awtorita' ta' l-ippjanar dwar kull haga ta' kontroll ta' l-izvilupp, inkluz it-twettiq ta' dak il-kontroll. L-istess artikolu jipprovdi wkoll li d-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord li minnhom gie provdut li jkun hemm appell lil din il-Qorti ta' l-Appell.

17. Jirrizulta sodisfacentement li fil-konfront ta' l-avviz ta' twettiq tal-5 ta' Gunju 1995, l-appellat ghamel uzu shih mill-mod ta' kontestazzjoni ipprovdut b'din il-ligi specjali u pprova jakkwista ghalih innifisu ir-rimedju opportun bis-sahha ta' l-organi w il-proceduri indikati bl-istess ligi ta' l-Ippjanar. Issir riferenza hawn ghall-paragrafi 6 u 7 ta' din is-sentenza rigwardanti il-proceduri li l-appellat ntavola kemm quddiem l-imsemmi Bord u kemm ukoll quddiem din il-Qorti, b'liema proceduri huwa ikkontesta gudizzjarjament id-decizjonijiet tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar. L-appellat dana ghamlu billi sostanzjalment sostna li x-xoghljiet li ghamel fir-recint tar-razzett tieghu ma kienux jirrikjedu l-ebda permess ta' l-izvilupp. Sfortunatament ghalih, dawn il-proceduri ma

kellhomx ezitu pozittiv. Biex jipprova jinnewtralizza u jgib fix-xejn l-enforcement notice, li kienet giet avallata bid-decizjonijiet tal-imsemmi Bord u ta' din il-Qorti, l-appellat intavola l-kawza odjerna. Biha qieghed jerga' jsostni li l-imsemmija xoghlijiet li ghamel ma kienux jirrikjedu, fi kliemu stess, l-indhil tal-poter regolatur ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Konsegwentement, huwa jallega li l-agir ta' l-Awtorita' ghat-tnehhija tax-xoghlijiet ta' gebel li ghamel fir-razzett tieghu kien agir "irragonevoli, ultra vires, sproporzjonat u illegali". Bl-istess mod jiddeskrivi l-agir tad-Development Control Commission li naqset li tilqa' l-applikazzjoni tieghu ghall-hrug tal-permess ta' zvilupp mitlub eventwalment minnu.

18. L-imsemmi subartikolu (4) ta' l-artikolu 469A espressament jisvesti l-Qrati Ordinarji mill-gurisdizzjoni moghtija lilhom bis-subartikolu (1) tal-istess artikolu 469A li jistharrgu gudizzjarjament decizjonijiet amministrattivi, fuq fatti u konsiderazzjonijiet li jkunu diga gew mistharrga u decizi minn Bordijiet, tribunali jew Qrati li jkunu twaqqfu, jew gew inkarigati ad hoc mil-legislatur b'xi ligi specjali biex appuntu jinvestigaw u jiddeciedu kwistjonijiet teknici jew legali imsemmija fl-istess ligi specjali. Huwa sinifikattiv hafna kif l-appellat, fic-citazzjoni tieghu sempliciment jaccenna ghal "diversi proceduri li ttiehdu" u b'hekk jaghti l-impressjoni li jrid jinjora ghal kollox id-decizjonijiet imsemija tal-Bord u kif ukoll ta' din il-Qorti, liema decizjonijiet proprju kienu dahlu u ddecidew jekk kienx hemm bzonn ta' permess ta' zvilupp ghax-xoghlijiet li kien ghamel.

19. L-appellat jillamenta wkoll li l-Kummissjoni tal-Kontroll ta' l-Izvilupp ma laqghetx l-applikazzjoni li eventwalment intavola biex jissana s-sitwazzjoni tieghu u jigi in regola. Pero', fil-process ma hemm prodotta l-ebda prova li l-appellat kkontesta din id-decizjoni bil-mezzi li jaghtih l-imsemmi Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp. Ghalhekk, taht dan l-aspett, l-appellat ma jidhirx li pprova jutilizza r-rimedji effettivi provduti specifikatament b'din il-ligi. Konsegwentement, is-subartikolu 4 tal-artikolu 469A jerga' jidhol in xena fil-konfront tal-allegazzjoni li ghamel l-appellat dwar l-imsemmija decizjoni amministrattiva tal-Awtorita' u jizvesti l-Qrati Ordinarji mill-gurisdizzjoni li jistharrgu gudizzjarjament din id-decizjoni partikolari.

20. Illi, ghalhekk, din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-gurisdizzjoni li tiddeciedi l-meritu ta' l-ewwel talba kontenuta fic-citazzjoni u ghalhekk hemm lok li l-appell jigi milqugh.

21. Bir-rispett kollu dovut, is-sentenza appellata applikat b'mod skorrett l-artikolu 469A sostanzjalment ghaliex injorat kompletament is-subartikolu (4) tal-istess artikolu, li kif rajna, jillimita sew il-gurisdizzjoni tal-Qrati Ordinarji li jistharrgu gudizzjarjament l-ghemil amministrattiv fil-kazijiet imsemmija fl-istess subartikolu.

22. Is-sentenza appellata tippekka wkoll billi ma ghamlet l-ebda riferenza ghal fondament fattwali li ppreceda l-kawza u li kien jirrizulta principalment mid-dokumenti esebiti. B'hekk, injorat ukoll id-decizjonijiet tal-Bord, kif ukoll ta' din il-Qorti li kienu jikkonfermaw l-Avviz ta' Twettiq, wara li kienu dahlu fil-kwistjoni hekk kienx mehtieg permess ta' zvilupp ghax-xogholijiet li kien ghamel l-appellat.

23. Is-sentenza appellata hija skorretta wkoll ghax ma interpretatx sewwa il-gurisprudenza citata minnha stess. Infatti, naqset li tiddistingwi, fil-konfront ta' l-aspett gurisdizzjonali, jekk il-proceduri fil-gurisprudenza citata minnha kienux qeghdin jittiehdu ai termini ta' l-artikolu 15 (2) tal-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp jew jekk il-proceduri ikunux qeghdin jjttiehdu ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12, jew addirittura meta l-proceduri ikunu bazati fuq allegzzjoni ta' ksur ta' drittijiet fondamentali tal-bniedem protetti bil-Kostituzzjoni, kif ukoll bil-Konvenzjoni Ewropeja, li bis-sahha tal-Att XIV tal-1987 sostanzjalment tifforma parti integrali mil-legislazzjoni domestika taghna. M'hemmx ghalfejn li wiehed jenfasizza li dawn it-tlett tipi ta' proceduri gudizzjarji huma regolati b'disposizzjonijiet legislattivi specifici u allura wiehed dejjem irid jiddistingwi u joqghod attent li ma jhallatx procedura wahda ma' ohra.

24. Fl-ahhar nett, irid jigi notat li s-sentenza appellata ddecidiet l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni fil-konfront biss ta' l-ewwel talba tal-

appellat. Il-kwistjonijiet imqajmin fit-tieni u t-tielet talba thallew mill-Ewwel Qorti impregudikati biex dik il-Qorti tkun tista' tirregola ruha wara li tisma' x-xhieda u tinvestiga l-meritu tal-kaz.

25. Ghal dawn il-motivi:-

Tilqa' l-appell u ghalhekk, prevja li tilqa' l-eccezzjoni preliminari ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li l-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni li tiddeciedi l-meritu involut fl-ewwel talba tal-attur appellat, tirrevoka u thassar is-sentenza in parte moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fil-11 ta' Jannar 2000. Tordna li l-atti jintbaghtu lura lil dik l-istess Qorti biex il-kawza tiehu l-kors normali taghha skond il-ligi.

L-ispejjez, kemm tas-sentenza appellata, kif ukoll ta' din l-istanza jithallsu kollha mill-appellat John Cauchi.

Dep/Reg

cb